MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru. 684/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**KONTRA**

**SALVU FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Salvu Fenech ta’ 41 sena, bin Carmelo u Teresa nee’ Briffa, mwieled fl- 14 ta’ Lulju 1967, residenti f’ no 14 Ganges, Triq it- Turkija, Naxxar u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 296767(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer, f' xi hin bejn it- 30 ta' Mejju 2009 sal- 20 ta' Lulju 2009 fix- Xemxija San Pawl il- Bahar, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda ikkommetta serq ta' karozza liema serq huwa aggravat bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa ghad- detriment ta' Francesco Fenech Ltd. Liema serq ma jammontax ghal aktar minn €2330.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-perijodu bejn Mejju u Lulju 2009, fl-inhawi ta' Shipwreck Promenade f' San Pawl il-Bahar, giet nieqsa vettura tal-ghamla Lada Estate, numru ta' registrazzjoni IAN 087, minn "driveway" komuni ta' block appartamenti maghruf bhala "Grixti Court". Din il-vettura kienet ilha ipparkeggata fil-lok minn fejn ittiehdet ghal tul ta' zmien, aktarx ghal aktar minn sentejn, u kienet mizmuma minghajr roti sserrah fuq cnagen fl-istess "driveway", minghajr il-pjanci bin-numru ta' registrazzjoni. Di fatti, irrisulta mill-provi li din il-vettura, proprjeta' ta' Antonio Fenech, kienet garaxxjata mal-Awtorita ghat-Trasport f' Malta, u ghalhekk kienet mizmuma hemm minghajr pjanci. Antonio Fenech kien halliha hemm peress illi hu sid ta' wiehed mill-appartamenti gewwa "Grixti Court", u ghalhekk halla l-vettura tieghu fil-parti komuni.

Mill-provi prodotti l-Qorti hi konvinta li kien l-imputat li ha l-vettura in kwistjoni minn fejn kienet mizmuma, jew tal-

inqas qabbad lil terzi biex jiehduha. Li ma hi konvinta xejn din il-Qorti hi dwar l-animu tal-imputat fl-azzjoni tieghu, u dan ghar-raguni segwenti. Mir-rapport ta' PS 419 Anton Buttigieg irrisulta li l-imputat kien qed jaghmel xoghol gewwa wiehed mill-appartamenti ta' "Grixti Court" billi jnehhi xi aperturi tal-hadid. Aktarx l-imputat tqabbad jaghmel dan ix-xoghol minn habib tieghu, certu Carmelo Borg, li huwa sid ukoll ta' wiehed mill-appartamenti gewwa "Grixti Court". Sussegwentement hu qabbad lil terzi biex inehhu dan il-hadid, u kif kien qed jaghmel hekk, hu ta istruzzjonijiet lill-istess terzi biex inehhu l-vettura in kwistjoni. Hu qal fir-rapport tal-Pulizija li ghamel dan biex jizbarazza minn hemm. Ma qalx jekk dan ghamlux ghax kien qallu hekk haddiehor. Dan hu l-uniku indizju jew prova li hemm fil-konfront tal-imputat, u cioe' x'qal hu stess lis-Surgent 419 meta gie mitkellem minnu. L-imputat nehha l-vettura biex inaddaf l-ambjent ghax skond hu din kienet qed thammeg l-ambjent.

Wiehed mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, certu Carmelo Borg, xehed li hu sid ukoll ta' wiehed mill-appartamenti gewwa "Grixti Court", bhad-derubat Antonio Fenech, u qal li dik il-vettura kienet ilha hemm u li sidha ma kellu ebda dritt ihalliha hemm fil-parti komuni tizgombra u tkerrah l-ambjent. Ghalkemm kien evaziv fir-risposti tieghu, Borg ta x' jifhem li hu ried li din il-vettura titlaq minn hemm. Fix-xiehda tieghu qal li din kienet sgombru hemmhekk u li hu ghandu parti mid-"driveway" komuni bhala sid ta' appartament.

Il-Qorti ghalhekk wisq tissuspetta li kien Borg li qal lill-imputat biex, meta jigi biex inehhi l-bibien u t-twieqi tal-hadid mill-appartament tieghu, inehhi ukoll il-vettura indikata, izda dan hu biss suspett tal-Qorti u xejn izjed. Ma jaghmilx sens ghal din il-Qorti li l-imputat – li m'ghandu x'jaqsam xejn ma' "Grixti Court" – qabad minn jeddu jizbarazza l-parti komuni ta' terzi, meta kien biss qed jaghmel xoghol hemm ghal xi hadd, aktarx ghal siehbu Carmelo Borg stess. L-ebda haddiem ma jaghmel aktar milli ghandu jaghmel sakemm ma jkunx ordnat jaghmel hekk. Ghalhekk il-Qorti tara li l-element ta' intenzjoni ta' serq hija nieqsa minn dan il-kaz, jew almenu ma gietx

ippruvata. Il-Pulizija naqset milli torbot lill-imputat ma' Carmelo Borg u mat-terz li effettivament ha l-vettura minn fuq il-post, liema terz baqa' mhux identifikat. Il-Qorti tissimpatizza ma' Antonio Fenech, li fl-ahhar mill-ahhar sofra t-telf tal-vettura tieghu, kienet f'liema stat kienet, izda ma tistax issib htija fl-imputat ghar-reat ta' serq. L-imputat aktarx nehha l-vettura minn hemm fuq istruzzjonijiet ta' Borg, u peress illi din il-Qorti ghandha dan id-dubju dwar l-element tas-serq, ser tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 267, 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------